

Brussell, 11 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13050/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0262 (NLE)**

**MAR 125
TRANS 545**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 468 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna (CESNI) u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) fir-rigward tal-adozzjoni tal-Istandard Ewropew li jistabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (ES-TRIN 2027/1), l-Istandard Ewropew tas-Servizzi tal-Infurmazzjoni tax-Xmajjar (ES-RIS 2027/1) u abbozz ta' emenda għar-Regolamenti dwar l-Ispezzjoni tal-Bastimenti fuq ir-Renu (RVIR)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 468 final.

Mehmuż: COM(2026) 468 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.9.2026
COM(2026) 468 final

2026/0262 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna (CESNI) u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) fir-rigward tal-adozzjoni tal-Istandard Ewropew li jstabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (ES-TRIN 2027/1), l-Istandard Ewropew tas-Servizzi tal-Informazzjoni tax-Xmajjar (ES-RIS 2027/1) u abbozz ta' emenda għar-Regolamenti dwar l-Ispezzjoni tal-Bastimenti fuq ir-Renu (RVIR)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa tal-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-Navigazzjoni Interna ("CESNI") tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu ("CCNR") fil-15 ta' Ottubru 2026 u fis-sessjoni plenarja tas-CCNR fit-3 ta' Diċembru 2026 jew fi kwalunkwe laqgħa sussegwenti b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-Istandard Ewropew li jistabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (ES-TRIN 2027/1) u l-Istandard Ewropew għas-Servizzi tal-Infommazzjoni tax-Xmajjar (ES-RIS 2027/1).

Tistabbilixxi wkoll il-pożizzjoni tal-Unjoni rigward emenda għar-Regolamenti dwar l-Ispezzjoni tal-Bastimenti fuq ir-Renu ("RVIR") li għandha tiġi adottata mis-CCNR fil-laqgħa plenarja tagħha fit-3 ta' Diċembru 2026 jew fi kwalunkwe laqgħa sussegwenti, maħsuba biex tallinja r-reġim tar-Renu mar-rekwiżiti tal-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2016/1629.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Is-CCNR u s-CESNI

Is-CCNR hija organizzazzjoni internazzjonali b'kompetenzi regolatorji għal kwistjonijiet ta' trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni fuq ir-Renu. Erba' Stati Membri (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, u n-Netherlands) u l-Iżvizzera huma l-partijiet kontraenti għas-CCNR. L-UE ma hijiex membru tas-CCNR.

Il-Konvenzjoni riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu, iffirmata fis-17 ta' Ottubru 1868 f'Mannheim, kif emendata bir-reviżjoni tal-20 ta' Novembru 1963, li daħlet fis-seħħ fl-14 ta' April 1967 (il-"Konvenzjoni ta' Mannheim"), tiddefinixxi l-qafas legali li jirregola l-użu tar-Renu bħala passaġġ fuq l-ilma intern għan-navigazzjoni u tistabbilixxi l-attribuzzjonijiet tas-CCNR. Hija tkompli r-reġim tar-Renu li kien stabbilit mill-Kungress ta' Vjenna fl-1815. L-Istati Membri tas-CCNR jiltaqgħu darbtejn fis-sena f'laqgħat plenarji biex jieħdu d-deċiżjonijiet. Kull Stat għandu vot wieħed u d-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod unanimu. Dawn ir-riżoluzzjonijiet huma legalment vinkolanti.

Bejn l-UE u s-CCNR hemm kooperazzjoni, li hija, fost l-oħrajn, ibbażata fuq il-Ftehim Amministrattiv tat-22 ta' Mejju 2013. Il-Ftehim Amministrattiv tal-2013 għandu l-għan li jżid is-sinerġiji u jwassal biex l-azzjonijiet taż-żewġ istituzzjonijiet ikunu aktar komplementari u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Il-kooperazzjoni testendi għar-rekwiżiti tekniċi u għat-teknoloġija tal-infommazzjoni li tikkonċerna l-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni kif ukoll għall-modernizzazzjoni tal-qafas legali tal-kwalifiki professjonali għall-ħaddiema fil-qasam tan-navigazzjoni interna, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Iż-żewġ istituzzjonijiet qablu li jistabbilixxu mekkaniżmu għall-iżvilupp u għall-adozzjoni ta' standards li sussegwentement tista' ssir referenza għalihom b'mod parallel fl-oqfsa regolatorji rispettivi tagħhom. Dan l-approċċ armonizzat għandu l-għan li jiżgura li titwettagħ in-navigazzjoni interna skont l-istess regoli tul il-passaġġi fuq l-ilma interni kemm tal-UE kif ukoll tas-CCNR.

F'dan il-kuntest, fl-2015 is-CCNR adottat riżoluzzjoni li stabbiliet is-CESNI¹. Il-missjoni tas-CESNI tinkludi l-adozzjoni ta' standards tekniċi fil-qasam tan-navigazzjoni interna, b'mod

¹ Ir-Riżoluzzjoni 2015-I-3, CC/R (15) 1, p.1.

partikolari fir-rigward tal-bastimenti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ekwipaġġ, l-interpretazzjoni uniformi ta' dawn l-istandards u tal-proċeduri korrispondenti kif ukoll id-deliberazzjonijiet dwar is-sikurezza tan-navigazzjoni, il-protezzjoni tal-ambjent jew oqsma oħra tan-navigazzjoni.

Is-CESNI huwa magħmul minn esperti tal-Istati Membri tas-CCNR u tal-UE, jiġifieri s-27 Stat Membru tal-UE u l-Iżvizzera. L-Istati Membri tas-CCNR u tal-UE għandhom dritt jivvotaw abbażi ta' vot wieħed għal kull Stat. Bħal organizzazzjonijiet internazzjonali oħra li l-missjoni tagħhom qed tkopri l-oqsma kkonċernati, l-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, tista' tipparteċipa fix-xogħlijiet tas-CESNI mingħajr drittijiet tal-vot.

L-UE u s-CCNR rispettivament stabbilew l-qafas legali li ġej li huwa ta' rilevanza partikolari għal din id-deċiżjoni: (i) ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, permezz tad-Direttiva (UE) 2016/1629² għall-UE, u l-RVIR għas-CCNR u (ii) is-Servizzi tal-Infurmazzjoni tax-Xmajjar ("RIS"), permezz tad-Direttiva 2005/44/KE³, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2025/2482 għall-UE, u r-RVIR u r-Regolamenti tal-Pulizija għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu ("RPR") għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu.

Fir-rigward ta' dawk li ssir referenza għalihom l-ewwel, jiġifieri r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, iż-żewġ reġimi legali jirreferu għall-istandards tas-CESNI — Standard Ewropew li jistabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (ES-TRIN).

Fir-rigward ta' dawk li ssir referenza għalihom l-aħħar, jiġifieri l-RIS, l-Istandard Ewropew għas-Servizzi tal-Infurmazzjoni tax-Xmajjar (ES-RIS) ġie inkorporat fil-qafas legali tal-UE permezz tad-Direttiva (UE) 2025/2482 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2025 li temenda d-Direttiva 2005/44/KE dwar is-servizzi armonizzati tal-infurmazzjoni tax-xmajjar (RIS) fil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità⁴, u b'mod partikolari fl-Anness III ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, bħalissa l-ES-RIS huwa inkluż fil-qafas legali tal-UE permezz tad-Direttiva 2005/44/KE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2025/2482.

Ir-referenza għall-aktar verżjoni kurrenti tal-ES-TRIN u tal-ES-RIS hija prevista wkoll fir-Regolamenti tas-CCNR rilevanti li għalihom l-RVIR u l-RPR huma partijiet.

2.2. L-atti previsti tas-CESNI u tas-CCNR

2.2.1. Laqgħa tal-15 ta' Ottubru 2026

Fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Ottubru 2026, is-CESNI għandu jadotta edizzjoni ġdida ta' Standard Ewropew li jistabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (ES-TRIN 2027/1), u edizzjoni ġdida tal-Istandard Ewropew tas-Servizzi tal-Infurmazzjoni tax-Xmajjar (ES-RIS 2027/1).

Fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ES-TRIN):

² Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/1629/oj>).

³ Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Infurmazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2005/44/oj>).

⁴ ĠU L, 2025/2482, 12.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2025/2482/oj>.

L-ewwel verżjoni tal-ES-TRIN (ES-TRIN 2015/1) ġiet iffinalizzata mis-CESNI fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Settembru 2015. Din ġiet adottata formalment fil-laqgħa tas-CESNI fis-26 ta' Novembru 2015.

L-ES-TRIN, adottat f'Novembru 2015, sussegwentement ġie emendat f'diversi okkażjonijiet mis-CESNI abbażi tal-ħidma mill-gruppi ta' ħidma tas-CESNI. B'mod partikolari, ġew adottati l-edizzjonijiet tal-ES-TRIN li ġejjin:

1. L-istandard ES-TRIN 2017/1 fis-6 ta' Lulju 2017
2. L-istandard ES-TRIN 2019/1 fit-8 ta' Novembru 2018
3. L-istandard ES-TRIN 2021/1 fit-13 ta' Ottubru 2020
4. L-istandard ES-TRIN 2023/1 fit-13 ta' Ottubru 2022
5. L-istandard ES-TRIN 2025/1 fis-17 ta' Ottubru 2024

L-aġġornament regolari tal-ES-TRIN huwa neċessarju sabiex:

- jinżamm il-livell għoli ta' sikurezza fin-navigazzjoni interna;
- tiġi segwita l-evoluzzjoni teknika (eż., is-sistemi tat-tifi tan-nar, it-tagħmir tan-navigazzjoni); u
- tiġi żgurata l-kompatibbiltà mal-qafas legali tal-UE.

Fl-2025 u fl-2026, l-esperti tas-CESNI ħejjew l-edizzjoni l-ġdida tal-ES-TRIN, jiġifieri l-ES-TRIN 2027/1.

L-ES-TRIN 2027/1 se jinkorpora diversi emendi dwar l-oqsma li ġejjin:

- Il-fjuwils b'punt ta' f'ammabbiltà baxx, b'mod partikolari l-ħżin u l-użu tal-idroġenu gassuż;
- L-Assistenti ta' Gwida għat-Trekkjar tan-Navigazzjoni Interna (TGAIN), is-sistemi ta' monitoraġġ tal-għarfien, u r-riorganizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet għat-tagħmir tan-navigazzjoni u tal-informazzjoni (l-Anness 5 tal-ES-TRIN 2027/1);
- It-tagħmir elettroniku u s-sistemi u n-networks;
- Tabella waħda tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali;
- Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali għas-sistemi ta' propulsjoni elettrika u għas-Sistema tal-pajpijiet miksija;
- Iċ-ċilindri tat-tifi tan-nar bir-ragħwa tal-isprejjar;
- L-aġġornamenti għar-referenzi għall-ES-RIS 2027/1 u għall-istandards internazzjonali; u
- Korrezzjonijiet editorjali.

Waqf il-laqgħa tiegħu tas-16 ta' April 2026, is-CESNI ddeċieda li jiskeda l-adozzjoni tal-ES-TRIN 2027/1 għal-laqgħa tal-15 ta' Ottubru 2026. Qabel din il-laqgħa tal-15 ta' Ottubru 2026, huwa mistenni li jsiru biss tibdiliet minuri u mhux sostantivi fl-abbozz tal-istandard. L-ES-TRIN 2027/1 se jiġi ppubblikat permezz ta' sit web apposta (cesni.eu).

Skont id-Direttiva (UE) 2016/1629, l-ES-TRIN 2027/1 għandu jiġi inkorporat fid-dritt tal-UE. Ir-referenzi għall-istandard adottat mis-CESNI huma inklużi fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/1629. Skont l-Artikolu 31(1) ta' dik id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati sabiex tadatta l-Anness II sabiex taġġorna, mingħajr dewmien żejjed, ir-referenza għall-aktar verżjoni reċenti tal-istandard ES-TRIN u sabiex tistabbilixxi d-data ta' applikazzjoni tiegħu.

Bħalissa, l-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/1629 jirreferi għall-ES-TRIN 2025/1. L-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tas-CESNI jippermetti l-adozzjoni ta' standards biss wara li deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE tkun disponibbli bil-kitba.

Fir-rigward tal-RIS (ES-RIS):

L-ewwel verżjoni tal-ES-RIS (ES-RIS, Edizzjoni 2021/1) ġiet adottata formalment mis-CESNI fil-15 ta' April 2021. Is-CESNI adotta l-istandards emendati ES-RIS 2023/1 fit-13 ta' Ottubru 2022 u ES-RIS 2025/1 fis-17 ta' Ottubru 2024.

Matul l-2025 u l-2026, l-esperti tas-CESNI ħejjew l-edizzjoni l-ġdida tal-ES-RIS, l-ES-RIS 2027/1.

Dan l-ES-RIS 2027/1 se jinkludi l-bidliet maġġuri li ġejjin meta pparagunat mal-edizzjoni preċedenti:

- Iż-żieda ta' rekwiżiti u ta' testijiet għall-użu ta' TGAİN fil-Partijiet I u V;
- Ir-ristrutturar tal-messaġġi PAXLST u ERIRSP fl-annessi tal-Parti III;
- L-istandard tal-ittestjar għall-Messaġġi Speċifiċi għall-Applikazzjoni (ASM) fil-Parti V;
- Iż-żieda ta' kodiċijiet ġodda għall-avviżi lill-kaptani, kif ukoll iż-żieda tal-Ukren bħala lingwa għal dawn il-kodiċijiet, fil-Parti IV.

Barra minn hekk, ċerti modifiki minuri, jew aktar tekniċi, ġew inkorporati fl-ES-RIS 2027/1 biex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi u l-ħtiġijiet tad-delegazzjonijiet u tal-utenti.

Waqt il-laqgħa tiegħu tas-16 ta' April 2026, is-CESNI ddeċieda li jiskeda l-adozzjoni tal-ES-RIS 2027/1 għal-laqgħa tal-15 ta' Ottubru 2026. Qabel din il-laqgħa tal-15 ta' Ottubru 2026, huwa mistenni li jsiru biss tibdiliet minuri u mhux sostantivi fl-abbozz tal-istandard. L-ES-RIS 2027/1 se jiġi ppubblikat permezz ta' sit web dedikat (cesni.eu).

F'konformità mad-Direttiva 2005/44/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2025/2482, l-istandard ES-RIS isir parti mid-dritt tal-UE. F'konformità mal-Anness III tad-Direttiva 2005/44/KE emendata, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għall-RIS għandhom ikunu daww stabbiliti fl-aħħar edizzjoni tal-Istandard Ewropew għas-Servizzi tal-Infurmazzjoni tax-Xmajjar (ES-RIS) adottata mis-CESNI.

Is-CCNR se tadotta riżoluzzjoni li temenda r-Regolamenti tas-CCNR sabiex tiġi inkluża referenza għall-ES-RIS 2027/1.

Peress li l-ES-TRIN 2027/1 fih referenzi għall-ES-RIS 2027/1, huwa importanti li ż-żewġ standards jiġu adottati mis-CESNI fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Ottubru 2026. Għall-istess raġuni, iż-żewġ standards iridu jkunu applikabbli wkoll mill-istess data — l-1 ta' Jannar 2028.

2.2.2. Laqgħa tat-3 ta' Diċembru 2026

ES-TRIN 2027/1 u ES-RIS 2027/1

Fid-dawl tal-aġġornamenti li ġejjin għall-ES-TRIN u għall-ES-RIS, is-CCNR informat lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tadotta riżoluzzjonijiet, fil-laqgħa plenarja tagħha fit-3 ta' Diċembru 2026, li jemendaw il-Regolamenti rilevanti tas-CCNR. L-emendi jaġġornaw b'mod partikolari r-referenzi għall-ES-TRIN 2027/1 fl-RVIR. Barra minn hekk, kemm l-RVIR kif

ukoll l-RPR, b'dan tal-aħħar jikkostitwixxi r-regoli tat-traffiku għar-Renu, se jkollhom jiġu emendati b'mod partikolari biex jiġi introdott l-ES-RIS 2027/1.

Kemm id-dritt tal-UE kif ukoll ir-Regolamenti tas-CCNR se jiddikjaraw l-istandards tas-CESNI applikabbli mill-1 ta' Jannar 2028, u b'hekk iżommu qafas legali uniformi madwar l-UE u r-regoli li jirregolaw ir-Renu.

Il-Bażi tad-Data Ewropea dwar il-Buq ("EHDB")

Is-CCNR informat ukoll lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tadotta, fil-laqgħa plenarja tagħha fit-3 ta' Diċembru 2026 jew fi kwalunkwe laqgħa sussegwenti, emenda tal-RVIR imfassla biex tallinja r-reġim tar-Renu mar-rekwiżiti tal-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2016/1629.

F'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2016/1629, il-Kummissjoni għandha żżomm l-EHDB sabiex tappoġġa miżuri amministrattivi mmirati biex jiżguraw is-sikurezza u jiffaċilitaw in-navigazzjoni, kif ukoll biex jiżguraw l-applikazzjoni effettiva ta' dik id-Direttiva. Mill-2025 'l hawn, il-verżjoni l-ġdida tal-bażi tad-data (EHDB2) saret kompletament operazzjonali.

Skont l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva (UE) 2016/1629, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jdaħħlu fl-EHDB, għal kull inġenju, informazzjoni li tinkludi: (i) id-data li tidentifika u tiddeskrivi l-inġenju; (ii) id-data relatata maċ-ċertifikati maħruġa, imġedda, sostitwiti jew irtirati; u (iii) kopja diġitali taċ-ċertifikati kollha maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità ma' din id-Direttiva.

Sabiex jiġi żgurat l-użu sħiħ u effettiv tal-EHDB2, huwa neċessarju wkoll li jiġi previst id-dħul ta' data korrispondenti fil-bażi tad-data relatata maċ-ċertifikati ta' depożitu tal-bastimenti maħruġa f'konformità mal-qafas regolatorju tar-Renu.

Għalhekk, l-emenda tal-RVIR hija mfassla biex tallinja r-reġim tar-Renu mar-rekwiżiti tal-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2016/1629. Din l-emenda se tipprevedi t-trażmissjoni tad-data ta' identifikazzjoni lill-EHDB, kif definita fid-Direttiva, relatata ma' bastimenti li għandhom Ċertifikat ta' Spezzjoni tal-Bastimenti fuq ir-Renu. L-allinjament kontinwu tar-rekwiżiti tat-trażmissjoni tad-data jiżgura li l-EHDB ikun fiha informazzjoni relatata ma' aktar min-nofs il-flotta Ewropea tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Dan l-allinjament, li jirrifletti l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Unjoni u s-CCNR, huwa maħsub ukoll biex iżomm grad għoli ta' armonizzazzjoni bejn l-oqfsa regolatorji rispettivi, filwaqt li jikkunsidra r-rikonossiment reċiproku taċ-ċertifikati tal-Unjoni u taċ-ċertifikati tar-Renu.

L-abbozz ta' emenda għall-RVIR huwa dan li ġej:

« Article 2.19 Base de données européenne sur les bateaux

6. La collecte, le traitement et l'accès aux données conservées dans la base de données européenne des bateaux (EHDB) visée à l'article 19 de la directive (UE) 2016/1629, ainsi que les types d'accès autorisés et les instructions concernant l'utilisation et le fonctionnement de la base de données, sont effectués conformément au règlement délégué de la Commission (UE) 2020/474. »

L-inklużjoni tal-bastimenti tal-RVIR fl-EHDB se jkollha diversi benefiċċji, inklużi:

- (1) Aċċess aktar faċli għad-data dwar il-bastimenti: l-awtoritajiet nazzjonali tal-UE se jkollhom aċċess aktar faċli għad-data dwar il-bastimenti, li se jiffaċilita l-ħidma tagħhom u jtejjeb l-effiċjenza tal-ispezzjonijiet u tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħhom.
- (2) Żieda fis-sikurezza tan-navigazzjoni: billi jkollhom aċċess għal sett ta' data komprensiv u armonizzat, l-awtoritajiet se jkunu mġhamra aħjar sabiex jidentifikaw u jimmitigaw ir-riskji potenzjali għas-sikurezza, u fl-aħħar mill-aħħar iżidu s-sikurezza tan-navigazzjoni fuq ir-Renu.

2.3. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni

Il-pożizzjoni proposta tal-Unjoni tikkonċerna, l-ewwel nett, l-adozzjoni ta' standards li jikkonċernaw ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u għall-RIS mis-CESNI kif ukoll l-adozzjoni mis-CCNR ta' deċiżjonijiet li jallinjaw il-qafas regolatorju tagħha mad-dritt korrispondenti tal-Unjoni billi jinkludi l-istandards tas-CESNI fil-qafas regolatorju tiegħu. It-tieni, il-pożizzjoni proposta tal-Unjoni tikkonċerna l-adattament tal-qafas regolatorju tas-CCNR għall-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2016/1629. Fiż-żewġ każijiet, l-oġġettiv huwa li jiġi żgurat l-aġġornament kontinwu u armonizzat tal-qafas legali li jirregola n-navigazzjoni interna fl-Unjoni Ewropea u fir-reġim tar-Renu.

L-adozzjoni tal-istandards tas-CESNI tikkostitwixxi element rikorrenti tal-qafas regolatorju tal-Unjoni fir-rigward tan-navigazzjoni interna. Id-Direttiva (UE) 2016/1629 kif ukoll id-Direttiva 2005/44/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2025/2482, jipprevedu referenzi għall-aktar standards reċenti tas-CESNI, u b'hekk jiżguraw li r-rekwiżiti tekniċi applikabbli għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u r-rekwiżiti tal-RIS jibqgħu aġġornati u jirriflettu l-iżviluppi teknoloġiċi u l-esperjenza operazzjonali. L-Unjoni ppromwoviet b'mod attiv l-istabbiliment tas-CESNI bħala l-korp komuni Ewropew għall-istabbiliment tal-istandards għan-navigazzjoni interna. Il-Kummissjoni tipparteċipa fil-ħidma tas-CESNI, u l-istandards huma żviluppati minn esperti tal-UE u mill-Istati Membri tas-CCNR f'konformità mal-oġġettivi tal-politika u mal-prijoritajiet leġiżlattivi stabbiliti mill-Unjoni. Id-deċiżjonijiet fi ħdan is-CESNI jittieħdu b'mod unanimu mill-Istati parteċipanti, jiġifieri l-Istati Membri tal-UE u l-Iżvizzera, Prattika li tiżgura li l-istandards jiġu żviluppati abbażi ta' kunsens wiesa' u li jitqiesu l-interessi rilevanti kollha. Dan il-kunsens wiesa' ntlaħaq fuq livell ta' sottohidma u jeħtieġ li jiġi fformalizzat fil-plenarja tas-CESNI.

B'mod simili, l-allinjament regolari tal-qafas regolatorju tas-CCNR dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti kif ukoll għall-RIS mad-dritt tal-Unjoni jservi l-oġġettiv komuni li jinżamm reġim legali uniformi għan-navigazzjoni interna fuq ir-Renu u fin-network interkonness Ewropew tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Tali allinjament jiżgura li l-bastimenti li joperaw skont ir-Regolamenti tas-CCNR ikunu soġġetti għal rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni u viċi versa u jiffaċilita l-interoperabbiltà tas-sistemi amministrattivi u tekniċi.

Barra minn hekk, l-integrazzjoni ppjanata tal-bastimenti ċċertifikati skont l-RVIR fl-EHDB tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-bastimenti mill-Istati Membri mhux tas-CCNR u b'hekk tikkontribwixxi għas-sikurezza u għall-effiċjenza tan-navigazzjoni interna. Id-deċiżjonijiet tas-CCNR li sempliċiment jallinjaw ir-regolamenti tagħha mal-leġiżlazzjoni korrispondenti tal-Unjoni huma wkoll adottati b'mod unanimu mill-Istati Membri rrappreżentati fis-CCNR u mill-Iżvizzera.

Għalhekk, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni proposta tal-Istandard Ewropew li jistabbilixxu r-Rekwiżiti Tekniċi għall-

bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (ES-TRIN 2027/1) u l-Istandard Ewropew għas-Servizzi tal-Infommazzjoni tax-Xmajjar (ES-RIS 2027/1), kif ukoll l-emenda rispettiva tar-Regolamenti tas-CCNR li għandhom jiġu adottati mis-CCNR. Barra minn hekk, għandha tiġi appoġġata l-emenda tal-RVIR biex bastimenti li joperaw skont l-RVIR jiġu inklużi fl-EHDB.

Il-pożizzjoni proposta hija konsistenti bis-sħiħ mal-politika tal-Unjoni dwar it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u tikkontribwixxi għall-oġettivi li jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza, li jiġu promossi d-diġitalizzazzjoni u l-interoperabbiltà tan-navigazzjoni interna, li jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-bastimenti u li jinżammu kundizzjonijiet ekwi fin-network Ewropew tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Hija konsistenti wkoll mad-Direttiva (UE) 2016/1629 u mad-Direttiva 2005/44/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2025/2482.

Pożizzjoni tal-Unjoni hija neċessarja minħabba li l-istandards adottati mis-CESNI u d-deċiżjonijiet ta' allinjament korrispondenti adottati mis-CCNR jistgħu jaffettwaw ir-regoli komuni tal-Unjoni jew ibiddu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom skont it-tifsira tal-aħħar parti tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE.

L-Artikolu 31(1) tad-Direttiva (UE) 2016/1629 u l-Anness III tad-Direttiva 2005/44/KE emendata jipprevedu r-referenza għall-aħħar edizzjonijiet tal-istandard rilevanti tas-CESNI. Għalhekk, id-deċiżjoni tas-CESNI se jkollha impatt dirett fuq id-direttivi msemija hawn fuq. L-allinjament tal-RVIR mal-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2016/1629 jestendi l-bastimenti li għandhom jiġu rreġistrati fl-EHDB.

2.4. Bażi legali proċedurali

Is-CESNI huwa korp stabbilit bħala korp ta' standardizzazzjoni taħt l-awspiċċi tas-CCNR, li hija organizzazzjoni internazzjonali bbażata fuq il-Konvenzjoni ta' Mannheim.

L-ES-TRIN 2027/1 u l-ES-RIS 2027/1, li s-CESNI huwa mitlub jadotta skont il-Konvenzjoni ta' Mannheim, se jipproduċu effetti legali għall-Unjoni. L-atti previsti kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri: id-Direttiva (UE) 2016/1629 u d-Direttiva 2005/44/KE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2025/2482. Dan għaliex l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva (UE) 2016/1629 u l-Anness III tad-Direttiva 2005/44/KE emendata jipprevedu r-referenza għall-aħħar edizzjonijiet tal-istandard rilevanti tas-CESNI. Għalhekk, l-adozzjoni tal-istandards ES-TRIN 2027/1 u ES-RIS 2027/1 mis-CESNI se jkollha impatt dirett fuq id-direttivi msemija hawn fuq, peress li dawn l-istandards se jkunu l-aktar reċenti.

L-adozzjoni tal-ES-TRIN 2027/1 u tal-ES-RIS 2027/1, li s-CCNR qed tintalab tadotta skont il-Konvenzjoni ta' Mannheim, se tipproduċi wkoll effetti legali għall-Unjoni minħabba li se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni ta' Mannheim u jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-direttivi msemija hawn fuq. B'mod partikolari, il-bastimenti ċċertifikati skont l-RVIR huma intitolati jinnavigaw fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2016/1629. Ir-rikonoxximent taċ-ċertifikati tal-bastimenti maħruġa skont l-RVIR huwa bbażat fuq il-premessa li daww il-bastimenti jikkonformaw mar-rekwiżiti tekniċi ekwivalenti għal daww stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni (ara l-premessa 5 tad-Direttiva (UE) 2016/1629). Konsegwentement, kieku s-CCNR kellha ma tadottax l-ES-TRIN 2027/1, l-oġettiv tad-Direttiva (UE) 2016/1629 li jinżamm qafas tekniku komuni għan-navigazzjoni interna jiġi mminat. Barra minn hekk, l-Istati Membri li huma wkoll partijiet kontraenti għas-CCNR ikunu soġġetti għal obbligi legali diverġenti skont id-dritt tal-Unjoni u l-qafas legali tas-CCNR.

B'mod simili, l-istabbiliment u l-operat tas-Servizzi tal-Infommazzjoni tax-Xmajjar (RIS) huma rregolati skont il-qafas tas-CCNR mill-RVIR u mill-RPR. Madankollu, l-Artikolu 1 tad-

Direttiva 2005/44/KE emendata jirrikjedi l-varar tal-RIS armonizzati madwar l-Unjoni. Għalhekk, standards tekniċi diverġenti għall-RIS skont ir-reġim tar-Renu jikkompromettu l-oġġettiv li jiġu żgurati servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar armonizzati, interoperabbli u bla xkiel madwar in-network Ewropew tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni ta' Mannheim. Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2.5. Bażi legali sostantiva

L-oġġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mal-politika komuni tat-trasport.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 91(1) tat-TFUE.

2.6. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 91(1) tat-TFEU flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna (CESNI) u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) fir-rigward tal-adozzjoni tal-Istandard Ewropew li jstabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (ES-TRIN 2027/1), l-Istandard Ewropew tas-Servizzi tal-Infurmazzjoni tax-Xmajjar (ES-RIS 2027/1) u abbozz ta' emenda għar-Regolamenti dwar l-Ispezzjoni tal-Bastimenti fuq ir-Renu (RVIR)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu tas-17 ta' Ottubru 1868, kif emendata bir-reviżjoni tal-20 ta' Novembru 1963, li daħlet fis-seħħ fl-14 ta' April 1967 ("il-Konvenzjoni"). Il-Konvenzjoni żżomm lill-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu ("CCNR") u r-reġim għan-navigazzjoni interna tar-Renu stabbiliti fl-1815. Fil-qafas tas-CCNR, fit-3 ta' Ġunju 2015 inħoloq il-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna ("CESNI") sabiex jiżviluppa standards tekniċi għall-passaġġi fuq l-ilma interni f'diversi oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-bastimenti, tat-teknoloġija tal-infurmazzjoni u tal-ekwipaġġ.
- (2) Skont l-Artikoli 22 u 23 tal-Konvenzjoni, is-CCNR tista' tadotta riżoluzzjonijiet vinkolanti li jstabbilixxu rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni fin-navigazzjoni interna tar-Renu. L-istandards li għandhom jiġu adottati mis-CESNI jkunu vinkolanti ladarba r-riżoluzzjonijiet vinkolanti rilevanti tas-CCNR jagħmlu referenza għal dawn l-istandards.
- (3) Skont il-Konvenzjoni, is-CCNR tista' timmodifika l-qafas regolatorju tagħha relatat mas-servizzi tal-infurmazzjoni tax-xmajjar ("RIS") billi tirreferi għall-istandards adottati mis-CESNI u tagħmel dawk l-istandards mandatorji fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni.
- (4) Is-CESNI għandu jadotta l-Istandard Ewropew aġġornat li jstabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna 2027/1 ("ES-TRIN 2027/1") u l-Istandard Ewropew għas-Servizzi tal-Infurmazzjoni tax-Xmajjar 2027/1 ("ES-RIS 2027/1") matul is-sessjoni tiegħu tas-16 ta' Ottubru 2026. Wara din l-adozzjoni, is-CCNR għandha l-ħsieb li tadotta riżoluzzjonijiet li jemendaw il-qafas regolatorju tagħha, b'mod partikolari, ir-Regolamenti dwar l-Ispezzjoni tal-Bastimenti fuq ir-Renu ("RVIR") u r-Regolamenti tal-Pulizija għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu ("RPR"), biex jirreferu għall-ES-TRIN 2027/1 u għall-ES-RIS 2027/1 fis-sessjoni plenarja tagħha fit-

3 ta' Diċembru 2026. L-ES-TRIN 2027/1 u l-ES-RIS 2027/1 għandhom jissostitwixxu l-ES-TRIN 2025/1 u l-ES-RIS 2025/1 kif xieraq.

- (5) L-ES-TRIN 2027/1 jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi uniformi neċessarji sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Dan jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-bini tal-bastimenti, l-armar u t-tagħmir għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' kategoriji speċifiċi ta' bastimenti bħal bastimenti tal-passiġġieri, konvojs imbuttati u bastimenti tal-kontejners, dispożizzjonijiet fir-rigward ta' tagħmir tas-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika, dispożizzjonijiet fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-bastiment, mudell ta' ċertifikati u reġistru, dispożizzjonijiet tranżizzjonali kif ukoll struzzjonijiet għall-applikazzjoni tal-istandard tekniku.
- (6) Jekk jiġi adottat, l-ES-TRIN 2027/1 se jipproduċi effetti legali għall-Istati Membri li huma partijiet għall-Konvenzjoni u jinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tar-regoli tal-Unjoni. Skont l-Artikoli 31 u 32 tad-Direttiva (UE) 2016/1629, il-Kummissjoni għanda taġġorna, mingħajr dewmien żejjed, ir-referenza għall-aktar verżjoni reċenti tal-istandard ES-TRIN u tistabbilixxi d-data ta' applikazzjoni tiegħu, dment li, f'konformità mal-Artikolu 31(2) ta' dik id-Direttiva, l-interessi tal-Unjoni ma jiġux kompromessi minn bidliet fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tas-CESNI.
- (7) L-ES-RIS 2027/1 jistabbilixxi speċifikazzjonijiet u standards tekniċi uniformi sabiex jappoġġa l-RIS u jiżgura l-interoperabbiltà tagħhom. L-ispeċifikazzjonijiet u l-standards tekniċi skont l-ES-RIS 2027/1 jipprovdu speċifikazzjoni għas-sistema elettronika ta' viżwalizzazzjoni ta' mapep u ta' informazzjoni għan-navigazzjoni interna, għar-rapportaġġ elettroniku tal-bastimenti, għall-avviżi lill-kaptani, għas-sistemi ta' trekkjar u ta' traċċar tal-bastimenti u għall-kompatibbiltà tat-tagħmir neċessarju għall-użu tal-RIS.
- (8) Id-Direttiva 2005/44/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2025/2482, tirreferi għall-aħħar edizzjoni tal-ES-RIS adottata mis-CESNI.
- (9) Jekk jiġi adottat, l-ES-RIS 2027/1 se jipproduċi effetti legali għall-Istati Membri li huma partijiet għall-Konvenzjoni u jinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni.
- (10) F'sessjoni plenarja li ġejja, is-CCNR hija mistennija tadotta riżoluzzjonijiet li jemendaw ir-Regolamenti tas-CCNR sabiex jinkludu referenza għall-ES-TRIN 2027/1 u għall-ES-RIS 2027/1. Tali emenda tkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 1 u 22 tal-Konvenzjoni.
- (11) Huwa previst ukoll li, fis-sessjoni plenarja tagħha f'Diċembru 2026, jew f'sessjoni plenarja sussegwenti, is-CCNR se temenda r-Regolamenti dwar l-Ispazzjoni tal-Bastimenti fuq ir-Renu ("RVIR"), sabiex tallinja r-reġim regolatorju tar-Renu mal-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2016/1629. Din l-emenda hija mistennija tintroduċi obbligi li jirrikjedu t-trażmissjoni lill-Bażi tad-Data Ewropea dwar il-Buq ("EHDB"), miżmuma mill-Kummissjoni, ta' data rilevanti relatata ma' bastimenti li jkollhom ċertifikati maħruġa f'konformità mal-RVIR u, jekk tiġi adottata, se tipproduċi effetti legali għall-Istati Membri li huma partijiet għall-Konvenzjoni.
- (12) Sabiex jiġi ffaċilitat l-oġhla livell ta' sikurezza fin-navigazzjoni interna, tiġi segwita l-evoluzzjoni teknika f'dan is-settur u jiġu żgurati l-kompatibbiltà tar-rekwiżiti għall-bastimenti u l-kompatibbiltà tas-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar fl-Ewropa, huwa importanti li r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti u għas-servizzi tal-

informazzjoni tax-xmajjar ikunu armonizzati kemm jista' jkun fil-qafas tar-reġimi legali differenti fl-Ewropa.

- (13) Għalhekk, huwa neċessarju li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-CESNI u fis-CCNR u waqt is-sessjoni plenarja tas-CCNR fir-rigward tal-emenda tal-RVIR.
- (14) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tas-CESNI u tas-CCNR, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan is-CESNI fir-rigward tal-adozzjoni tal-ES-TRIN 2027/1 u tal-ES-RIS 2027/1 għandha tkun ta' qbil mal-adozzjoni tagħhom.
2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan is-CCNR għandha tkun li jiġu appoġġati l-proposti kollha li jallinjaw ir-Regolamenti tas-CCNR mal-ES-TRIN 2027/1 u mal-ES-RIS 2027/1.
3. Id-data tal-applikabbiltà tal-ES-TRIN 2027/1 u tal-ES-RIS 2027/1 għandha tkun dik tal-1 ta' Jannar 2028.
4. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan is-CCNR għandha tkun li tiġi appoġġata l-emenda tal-RVIR li tallinjah mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2016/1629.

Artikolu 2

1. Il-pożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 1(1) u 1(3) għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tas-CESNI li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.
2. Il-pożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) u 1(4) għandhom jiġu espressi mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tas-CCNR li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

Artikolu 3

Bidliet tekniċi minuri fil-pożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu miftiehma mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President